3) Fid-dawl tal-prinċipju tal-awtonomija proċedurali, il-qorti nazzjonali għandha tikkonforma mal-indikazzjonijiet vinkolanti mogħtija lilha mill-qorti superjuri fil-kuntest tal-annullament tad-deċiżjoni tagħha u tar-rinviju tal-kawża għal eżami mill-ġdid meta jkun hemm raġunijiet sabiex jitqies li dawn l-indikazzjonijiet imorru kontra d-dritt Komunitarju?

4) Meta l-kura inkwistjoni ma tistax tingħata fit-territorju tal-Istat Membru ta' residenza tal-persuna assigurata, huwa biżżejjed, sabiex dan l-Istat Membru jkun obbligat jagħti awtorizzazzjoni għal kura fi Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 22(1)(ċ) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71, li t-tip ta' trattament inkwistjoni jagħmel parti mill-benefiċċji previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' residenza, anki jekk din il-leġiżlazzjoni ma tindikax espressament il-metodu ta' trattament speċifiku?

5) L-Artikolu 49 KE u l-Artikolu 22 tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 jipprekludu dispożizzjonijiet nazzjonali bħall-Artikolu 36(1) taz-Zakon za zdravnoto osiguryavane (liġi dwar l-assigurazzjoni tal-mard), li tipprovdi li l-persuni assigurati bilfors għandhom id-dritt li jiksbu l-ammont parzjali jew totali tal-ispejjeż għal kura medika barra mill-pajjiż biss jekk ikunu kisbu awtorizzazzjoni minn qabel f'dan is-sens?

6) Il-qorti nazzjonali għandha tobbliga lill-istituzzjoni kompetenti tal-Istat li fih il-persuna kkonċernata hija assigurata li toħroġ id-dokument għall-kura tas-saħħa barra mill-pajjiż (formola E 112) jekk hija tikkunsidra li r-rifjut li jinħareġ tali dokument huwa illegali, fil-każ fejn l-applikazzjoni għall-ħruġ ta' tali dokument ġiet ippreżentata qabel ma sar it-trattament barra mill-pajjiż u li t-trattament tlesta sad-data li fiha ngħatat id-deċiżjoni mill-qorti?

7) Jekk tingħata risposta fl-affermattiv għad-domanda preċedenti u l-qorti tikkunsidra li r-rifjut li tingħata awtorizzazzjoni għal trattament barra mill-pajjiż huwa illegali, ir-rimbors tal-ispejjeż tat-trattament lil persuna assigurata għandu jsir:

   a) direttament mill-Istat li fih il-persuna hija assigurata jew mill-Istat li fih ingħata t-trattament, wara li tkun ġiet ippreżentata l-awtorizzazzjoni għal kura barra mill-pajjiż;

   b) sa' liema ammont, fil-każ fejn l-ammont tas-benefiċċji previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' residenza huwa differenti mill-ammont tal-benefiċċji previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih ingħata t-trattament, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 49 KE, li jipprojbixxi r-restrizzjonijiet fuq il-liberta' li jiġu pprovduti servizzi?

(1) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU L 149, p. 2), fil-verżjoni emendata u aġġornata mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97 tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU L 28, p. 1).

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Mejju 2009 — Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu vs Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża C-176/09)**

(2009/C 180/50)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu (rappreżentanti: C. Schiltz, aġent, P. Kinsch, avukat)

*Konvenuti:* Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— prinċipalment, tannulla s-silta redatta bil-mod li ġej: "u għall-ajruport bl-ogħla moviment ta' passiġġieri f'kull Stat Membru" fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2009, dwar l-imposti tal-ajruporti [1];

— sussidjarjament, tannulla d-direttiva kollha;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu jinvoka żewġ motivi insostenn tar-rikors tiegħu.

Permezz tal-ewwel motiv tiegħu, ir-rikorrent jallega ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni peress li, minħabba l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/12/KE għall-ajruporti "bl-ogħla moviment ta' passiġġieri f'kull Stat Membru", ajruport bħal dak ta' Luxembourg-Findel huwa suġġett għal obbligi amministrattivi u finanzjarji li ma japplikawx għal ajruporti li jinsabu f'sitwazzjoni simili, mingħajr ma tali differenza fit-trattament hija ġġustifikata oġġettivament. F'dan ir-rigward, huwa jirreferi b'mod partikolari għas-sitwazzjoni tal-ajruporti ta' Hahn u ta' Charleroi, li jservu l-istess żona ta' kummerċ bħall-ajruport ta' Findel, u li kull wieħed minnhom jintuża minn numru ogħla ta' passiġġieri minn dak li jużaw dan tal-aħħar, iżda li mhumiex suġġetti għall-istess obbligi. Il-fatt li jeżistu fruntieri bejn dawn it-tliet ajruporti bl-ebda mod ma jiġġustifika trattament differenti bejniethom.

Permezz tat-tieni motiv tiegħu, ir-rikorrent isostni wkoll li d-dispożizzjoni inkwistjoni ma tirrispettax il-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità. Fil-fatt, fl-ewwel lok, l-intervent fuq livell Ewropew mhuwiex neċessarju sabiex tiġi rregolata sitwazzjoni li tista' tiġi perfettament irregolata fuq livell nazzjonali sakemm il-limitu massimu ta' 5 miljun passiġġier ma jintlaħaqx. Fit-tieni lok, l-applikazzjoni tad-direttiva twassal għal proċeduri

u spejjeż supplimentari li mhumiex iġġustifikati għal ajruport bħal dak ta' Findel, li l-unika partikolarità tiegħu hija li huwa ajruport bl-ogħla moviment ta' passiġġieri fi Stat Membru, mingħajr ma dan il-fattur huwa verament rilevanti fid-dawl tal-għanijiet tad-direttiva.

(1) ĠU L 70, p. 11.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kunsill tal-Istat (il-Belġju) fil-15 ta' Mejju 2009 — Le Poumon vert de la Hulpe ASBL, Jacques Solvay de la Hulpe, Marie-Noëlle Solvay, Jean-Marie Solvay de la Hulpe, Alix Walsh vs Région wallonne

**(Kawża C-177/09)**

(2009/C 180/51)

*Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż*

### Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Le Poumon vert de la Hulpe ASBL, Jacques Solvay de la Hulpe, Marie-Noëlle Solvay, Jean-Marie Solvay de la Hulpe, Alix Walsh

*Konvenut:* Région wallonne

### Domandi preliminari

1) L-Artikolu 1(5) tad-Direttiva 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent [1] għandu jiġi interpretat bħala li jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu leġiżlazzjoni — bħad-digriet tar-Reġjun tal-Vallonja tas-17 ta' Lulju 2008 dwar ċerti permessi li għalihom jeżistu raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali — li tillimita ruħha sabiex tipprovdi li "hemm raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali" għall-għoti ta' permessi ta' żvilupp urban, permessi ambjentali u permessi uniċi relattivi għall-atti u xogħlijiet elenkati fiha u li "tapprova" permessi li għalihom huwa ddikjarat li "hemm raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali"?

2) a) L-Artikoli 1, 5, 6, 7, 8 u 10a tad-Direttiva 85/337/KEE kif emendata bid-Direttiva 97/11/KE [2] u d-Direttiva 2003/35/KE [3] jipprekludu sistema legali fejn id-dritt li jsir proġett soġġett għal stima tal-effetti fuq l-ambjent jingħata permezz ta' att leġiżlattiv li kontrih ma jista' jsir l-ebda appell quddiem qorti jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi li jippermetti li tiġi kkontestata, kemm fuq il-livell sostantiv kif ukoll fuq dak proċedurali, id-deċiżjoni li tagħti d-dritt għall-implementazzjoni tal-proġett?

b) L-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali konkluża fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata mill-Komunità Ewropea, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 [4],għandu jiġi interpretat li jimponi fuq l-Istati Membri li jipprovdu għall-possibbiltà ta' appell quddiem qorti jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi sabiex tkun tista' tiġi kkontestata l-legalità, fir-rigward ta' kull kwistjoni sostantiva jew proċedurali relatata mar-regoli sostantivi kif ukoll proċedurali li jirregolaw l-awtorizzazzjoni ta' proġetti suġġetti għal stima tal-effetti fuq l-ambjent, tad-deċiżjonijiet, tal-atti jew ommissjonijiet suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6?

c) Fid-dawl tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, konkluża fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata mill-Komunità Ewropea bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005, l-Artikolu 10a tad-Direttiva 85/337/KEE kif emendata bid-Direttiva 2003/35/KE, għandu jiġi interpretat bħala li jimponi fuq l-Istati Membri li jipprovdu għall-possibbiltà ta' appell quddiem qorti jew korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi sabiex tkun tista' tiġi kkontestata l-legalità tad-deċiżjonijiet, tal-atti jew ommissjonijiet fir-rigward ta' kull kwistjoni sostantiva jew proċedurali relatata mar-regoli sostantivi kif ukoll proċedurali li jirregolaw l-awtorizzazzjoni tal-proġetti suġġetti għal stima tal-effetti fuq l-ambjent?

(1) Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 175, p. 40).

(2) Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE tat-3 ta' Marzu 1997 li temenda d-Direttiva 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 73, p. 5).

(3) Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja — Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni (ĠU L 156, p. 17).

(4) Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (ĠU L 124, p. 1).